MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2002

Numru.

**Pulizija**
(Spettur B. Zarb)
**vs**

**Emily Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Emily Muscat ta' 38 sena, bint il-mejjet Carmelo Mercieca u Georgina nee' Formosa, mwielda Pieta' fis-16 ta' Marzu 1962 u detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 219862M u prezentament residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Talli:-

1. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet,

disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlet falsifikazzjoni f'dokument ta' Karta ta' l-Identita' u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblia, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-eziztenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tam jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq ta' bi hsara ta' 'Patricia Hotel',u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U talli hi ricediva b'sentenza tal- Qorti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta'Malta datata 27.9.1996 liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzata ma sabitx ogezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2002 l-akkuzata amettiet l-akkuzi migjuba kontriha.

Issibha hatja.

Rat l-art. 183, 184, 188, 308, 309, 310, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundanna lill-akkuzata erba’ xhur prigunerija.

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja. M.Mifsud
Deputat Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------